MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08/09

It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa u nofs (4:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

8.4 Post Mortem - Attitivatjiet tal-Milied 2024;

8.5 Perforamance Bonus tal-ħaddiema klerikali u s-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2024;

8.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

8.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

8.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

8.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgħa u nofs ta` filgħaxija (4:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' **apoloġija mill-Kusilliera M. Micallef.**

### 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 07/9 nem con.

**08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

08.3.1 Is-Sindku għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-magna tal-BCRS fejn talab sabiex tinkiteb email oħra lir-rappreżentanti tal-BCRS biex il-magna titwaqqaf milli taħdem sakemm tiġi rilokata f'post ieħor. Kif ukoll propona biex il-Kunsill jikteb lill-Perita Antoinette Conti minn TM.

08.3.2 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li saret sabiex tinħarat il-ħamrija ta' quddiem l-ajruport, fejn talab sabiex jerġa jintbgħat reminder fuq it-talba li saret.

16:45hr Il-Kunsillier S Caruana ngħaqad fil-laqgħa.

08.3.3 Is-Sindku talab sabiex Triq San Mark isir il-kontra ta' kif qegħda fil-preżent. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jibgħat lill-Kap tal-Iskola biex it-tfal joħorġu kollha mill-bieb ta' quddiem il-ġnien (minn fejn joħorġu tal-kinder) minħabba kif ġiet it-triq.

08.3.4 Preżentati l-kwotazzjonijiet għal żbir ta' siġar fi Ġnien il-Ħelsien u fil-Mitħna Housing Estate. Il-kwotazzjonijiet ġew approvati minn dawk preżenti.

08.3.5 Ġie preżentat ir-rapport tax-xogħlijiet matul ix-xahar ta' Novembru fil-lokalita' tal-Gudja ppreparat mill-Contracts Manager.

08.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li nbeda xogħol tat-tqegħid tal-madum tal-art fil-latrina ta' Triq William Baker. Is-Sindku żied jgħid li hemm bżonn isir sufun ġdid u dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti biex dan ix-xogħol jsir.

08.3.7 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbagħtet mill-Grupp Skali sabiex il-Kunsill jgħin fl-attivita' li ser isir fil-kiri ta' mobile toilet. Dwar dan kien hemm qbil biex il-Kunsill joffri l-għajnuna tiegħu.

08.3.8 Is-Sindku ressaq ir-riżoluzzjoni sabiex ikun hemm tibdil fid-disinn tal-istemma tal-lokalita' tal-Gudja. Is-Sindku qal li importanti li disinn tan-nofs ikun jindika seba' ponot u mhux aktar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex jinbeda l-proċess bies isir dan it-tibdil.

08.3.9 Preżentata l-korrispondenza li ntbgħatet mill-Kunsill ta' Santa Luċija dwar permess li kien nħareġ biex it-Triq tal-Lampat tiġi one way. Il-Kunsill ma qabilx ma dan għal fatt li issa li ġiet rranġata t-triq għandha titħalla two way peress li saret aktar aċċessibli.

08.3.10 Is-Sindku għamel referenza għall-appell tal-iżvilupp ta' Triq San Pawl, fejn mill-pariri legali li ħa l-Kunsill, ma saritx it-talba għall-appell minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ser ikun qed jisma' seduta li ser isir fil-jiem li ġejjien.

08.3.11 Is-Sindku nforma li dawk preżenti li bil-kolaborazzjoni ta' Ambjent Malta ser isir ħarġa ġewwa l-Buskett fix-xahar ta' April. Aktar dettalji jinħarġu aktar viċin id-data.

08.3.12 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jerġa' jikteb il-perita dwar ix-xifer li tħalla fin-nofs tal-pjazza li qed ikun ta' detriment għal min jaqsam it-triq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

08.3.13 Is-Sindku għamel referenza għal mgħaqqad tal-ilma fid-daħla ta' Ġnien il-Qari, fejn prpona li tinġieb kwotazzjoni biex isir culvert biex titaffa din il-problema.

08.3.14 Preżentata korrispondenza li l-Kunsill bgħat lil-Sports Malta sabiex ir-residenti tal-Gudja jkollhom l-opportunita li jagħmlu użu b'xejn għal xi xhur mill-indoor pool tal-Sports Complex tal-Kottonera.

08.3.15 Is-Sindku għamel referenza għal problema li qed tinħoloq fi sqaq nru. 3 fi Triq Santa Katerina, fejn wara li ġew tal-WSC iriżulta li m'hemm ebda problema. Is-Sindku propona biex tintalab kwotazzjoni lill-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet sabiex jerġa jsir ix-xogħol f'din il-parti tal-isqaq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

08.3.16 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien bgħat korrispondenza lid-dipartiment li jieħdu ħsieb it-traffic lights ta' Vjal it-Torri u ġejna nfurmati li t-talba għandha ssir dirett lill-TM.

08.3.17 Dwar il-bust ta' Ġlormu Cassar, il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa ta' interess.

08.3.18 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jinforma lill-perit tal-Kunsill sabiex jipprepara traffic managment ta' Triq Bettina u Triq il-Lewż bis-sinjali ta' traffiku etc biex tintbgħat lil TM għal approvazzjoni. Dan ser isir wara li TM talbet dan mill-Kunsill biex tiġi kkunsidrata t-talba tal-Kunsill.

**08.4 Post Mortem - Attivitajiet tal-Milied;**

08.4.1 Is-Sindku beda billi qal li l-attivita kienet waħda tajba u kien hemm attendenza u parteċipazzjoni tajba għal lokalita żgħira bħal Gudja, fejn in-nies baqgħu sal-aħħar. Ġiet proponut li żewġ każini jagħmlu l-festin tal-Milied fl-istess ġurnata tal-attivita' sabiex b'hekk ikun hemm aktar attendenza. Ġie proponut ukoll li stand tal-Father Christmas ma sirx fuq iż-żuntier. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex l-stalls ikunu armati minn jumejn qabel biex jindika li ser ikuhn hemm attivita' fil-pjazza u li l-stalls ikunu bi lqugħ ta' saqqaf. Is-Sindku qal li mhuwiex kuntent bit-tizjin ta' dawl ta' toroq u propona sabiex isir kuntratt mall-għaqdiet għal erba' snin li ġejjin. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**08.5 Perforamance Bonus tal-ħaddiema klerikali u s-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2024**

08.5.1 Ġew preżentati l-Performance Appraisal Report ta' żewġ ħaddiema klerikali – tal-Assistant Prinċipal u tal-Uffiċjal Eżekuttiv, liema rapport ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku. Is-Sindku propona sabiex iż-żewġ impjegati jieħdu l-ammont massimu dak ta' 6% u rringrazzjhom tax-xogħol li jagħmlu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku żied jgħid li f'isem il-Kunsill Lokali jixtieq jirringrazzja lis-Sa. Antoinette Azzopardi tal-25 sena servizz li ilha tagħti fil-komunita' tal-Gudja.

08.5.2 Ġie preżentat il-Performance Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn is-Sindku propona sabiex tingħata l-ammont massimu ta' 10%. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju tax-xogħol li tagħmel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**08.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

08.6.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir traffic management fil-Housing Estate, fejn isir dhul biss minn Triq Ħal-Tarxien u ħruġ biss minn Triq Joseph Gravina.

08.6.2 Il-Viċi Sindku propona sabiex Triq Xlejli tiġi one way – l-vetturi jinżlu 'l isfel biss.

08.6.3 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Lewż, fejn irrimarka li resident nfurmah li l-ilma tax-xita mhux joħroġ għal barra u ma jafux fejn sejjer u għalhekk talab biex ninfurmaw lill-perit ikkonċernat.

08.6.4 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-karozzi tal-kiri fi Triq Ħal Resqun fejn qed jiġu pparkjati karozzi ħazin u jinħoloq diżordni sħiħa fit-triq. Is-Sur Caruana żied jgħid li biex kumpanija tal-karozzi tal-kiri topera ma tridtx tkun metri bogħod mill-ajruport u ma jridtx ikollha post ġol-ajruport.

**08.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

08.8 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 007/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u ssekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €42,891.41 u ġiet approvata nem con.

08.9 **Tmiem tal-Laqgħa**

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u għoxrin ta` filghaxija (6:20pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgha għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 6 ta' frar 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv